

**Anton Vella**

SMEs Helpdesk Executive
Malta Employers' Association

## KIF TAĦSIBHA L-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM?

# L-MEA BI PROPOSTI KONKRETI TA' FEJN TISTA' TITNAQQAS IL-BUROKRAZIJA ŻEJDA

Il-Gvern preżenti poġġa miira ambizzjuża quddiemu, jiġifieri li jerġa' jkompli jnaqqas il-burokrazija żejda b'25% oħra, fuq perjodu ta' erba' snin.

L-MEA taqbel ma' din id-direzzjoni, u lesta li tappoġġja lill-Gvern sabiex dan l-għan jintlaħaq. Fil-fatt, l-MEA, b'konsultazzjoni mal-membri tagħha, identifikat fejn il-Gvern għandu jagħfas l-aktar sabiex din il-mira verament tiġi milħuqa.

Il-burokrazija żejda mhux dejjem hija xi ħaġa tanġibbli, u mhux faċli li wieħed jista' jeliminaha mil-lum għal għada.

- Il-burokrazija żejda hija prodott ta' attitudni ħażina;
- Il-burokrazija żejda hi riżultat ta' tip ta' kultura;
- Il-burokrazija żejda tinħoloq minn nuqqas ta' komunikazzjoni;
- Il-burokrazija żejda tiġi minn mentalità ultrakonservattiva;
- Il-burokrazija żejda tiżviluppa f'ambjent fejn hemm nuqqas ta' kontabbiltà.

F'laqgħa li l-MEA kellha ftit tal- jiem ilu mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u t-Tnaqqis tal- Burokrazija, Tony Agius Decelis, ġew ippreżentati 15-il proposta konkreta ta' kif l-MEA taħseb li tista' tiġi ttrattata l-problema tal-burokrazija żejda.

Uħud minnhom huma partikolari, iżda hemm ukoll punti li jikkonċernaw element ta' bdil ta' kultura, u tibdil fil-ħsieb ta' kif dipartiment jew entità governattiva għandha tibda toffri servizz aħjar.

**Hawn qed nislet biss ftit minn dawn il-proposti:**

Bżonn li jkun hemm aktar ħlasijiet ta' liċenzji tan-negozju li jkunu jistgħu jibdew isiru kompletament *online*

Hemm nuqqas kbir fejn jidħlu pagamenti u ħlasijiet ta' liċenzji tan-negozju *online*.

Mhux kull ministeru, dipartiment, jew awtorità jadottaw din is-sistema, u ħafna drabi l-proċess ma jitpoġġiex kompletament *online*, u għaldaqstant xorta waħda l-applikant ikun kostrett li jmur personalment għand l-entità sabiex jikkonkludi l-applikazzjoni.

**Staff taċ-Ċivil mhux *business oriented* biżżejjed**

Jeżisti staff maċ-Ċivil li ma huma *business friendly* xejn.

Meta imprenditur, jew sid ta' negozju, jirrikorri f'xi dipartiment minnhabba xi diffikultà jew bżonn li jirregola ruħu f'xi ħaġa, spiss iħabbat wiċċu ma' persuni fiċ-Ċivil li sfortunatament mhumiex infurmati tajjeb fis-suġġett, u jispiċċaw biex jibagħtu lill-klijent mingħand Qajfas għal għand Pilatu.

L-istaff għandu jkun imħarreġ aħjar, u aġġornat b'kull tibdil fil-liġijiet. Għandu wkoll ikun responsabbli u jinżamm *accountable* ta' għemilu, u jirrealizza li quddiemu m'għandux biss numru, iżda jkun hemm negozju li mill-istess negozju hemm jiddependu l-għajxien ta' numru ta' familji, u bi żball jew tlajjar f'azzjoni immedjata tista' tfisser ħsara għall-istess negozju u telf ta' impjiegi.

**Proċeduri kkumplikati biex negozju jirregolarizza ruħu**

Jeżistu wkoll wisq kumplikazzjonijiet bla bżonn sabiex negozju jirregolarizza ruħu fis-servizzi essenzjali.

Hemm bżonn li jinħolqu *fast track procedures*, fejn it-tibdil ikun qed ixekkel lin-negozju li jkompli jopera. U dan jgħodd fejn ikollu bżonn xi awtorizzazzjoni, mingħand xi awtorità partikolari, xi servizzi, mingħand id-Dipartiment tal-Kummerċ, mingħand tas-Sanità, u oħrajn.

***Tasks*/servizzi tal-Gvern wisq marbuta ma' impjegati individwalment**

Għad hemm tendenza li f'diversi dipartimenti u entitajiet tal-Gvern, kif ukoll f'awtoritajiet regolatorji, l-istaff ma jaħdimx bħala dipartiment magħqud u organizzat iżda kulħadd għal rasu mingħajr koordinament mal-kumplament tad-dipartiment.

Kull impjegat iżolat minn impjegat ieħor. Kull impjegat hu responsabbli minn suġġett, u jkun biss hu li jkun jista' jaqdi lill-klijenti dwar problemi marbuta ma' dak is-suġġett partikolari. Ħadd iżjed mill-istaff ma jiġi mħarreġ sabiex jaqdi lill-klijenti minfloku, meta dan l-impjegat ma jkunx disponibbli.

Ħafna drabi sid ta' negozju ma jkunx jista' jinqeda għax l-impjegat partikolari ma jkunx xogħol, u għalhekk ikollu jibqa' jistenna r-ritorn tiegħu fuq il-post tax-xogħol…żmien li jista' jiehu granet, jew saħansitra ġimgħat.

Għalmin iħaddem dan hu ħela ta' ħin, inkonvenjent u jista' jxekklu fil-produttività u l-effiċjenza tan-negozju tiegħu.

**Bżonn ta' servizzi aktar effiċjenti min-naħa tal-Enemalta u l-Water Services Corporation**

Problema oħra li jiffaċċjaw issidien tan-negozji hija meta jiġu bżonn jieħdu xi servizz min- naħa tal-Enemalta u l-Water Services Corporation.

Is-servizz huwa kajman wisq, u kultant ikkumplikat ukoll. Meta sid ta' negozju japplika sabiex ikollu arloġġ tad-dawl, jew iċaqlaq arloġġ, jew saħansitra jaġġorna l-vultaġġ, jiltaqa' ma' mostru burokratiku.

F'dan ir-rigward hemm bżonn li jonqos ftit aktar ix-xogħol tal-karti, u tiżdiet l-effiċjenza.

Każi komuni huma dawk meta negozju jidħol fi proprjetà fejn ikun għad hemm pendenti xi kwistjonijiet dwar dawn is-servizzi. Li qed jiġri bħalissa hu li s-sid il-ġdid ma jkunx jista' jipproċedi qabel ma tiġi solvuta l-kwistjoni tal-pendenzi ta' qabel, u b'hekk bla ħtija ta' xejn jintilef ħafna żmien sakemm il-każ jiġi solvut – jekk mhux għas-spejjes tat-tenent il-ġdid ukoll!

**Hemm bżonn ta' sistemi u proċeduri anqas burokratiċi fi proċess ta' ħruġ ta' ċerti permessi mill-MEPA**

Hemm diversi proċessi sabiex jinħarġu permessi partikolari li hemm bżonn naħdmu fuqhom sabiex jiġu iffaċilitati.

Għad jeżistu proċessi fil-MEPA, li applikant isib li huma kkumplikati, tedjanti u mtawla bla bżonn, li jikkonċernaw applikazzjonijiet ta' żvilupp sempliċi, bħal pereżempju alterazzjonijiet sabiex jakkomodaw u jagħmlu l-post tagħhom aktar aċċessibbli – kumplikazzjonijiet bla bżonn li jistgħu faċilment jiġu eliminati.

**Aġġustamenti u aġġornament f'regolamenti ta' Transport Malta *vis-à-vis* in-negozji**

Għad għandna f'pajjiżna ċerti regolamenti li għaż-żminijiet tal-lum ma għadhomx jagħmlu sens.

Fost dawn tajjeb insemmu r-regolament li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Transport Malta, sabiex sid ta' negozju japplika u jkun eliġġibbli għal *loading and unloading bay* fit-triq minn fejn jopera. Proċess u kriterji li wasal iż-żmien li wieħed iħares sew lejhom u jagħmilhom aktar ġusti.

Aħna nemmnu li f'każi bħal dawn għandu jkun hemm *fast-track* sabiex imprenditur ma jdumx ġimgħat, xhur, jekk mhux snin ukoll, sabiex jinqeda.

Id-dewmien ta' ħruġ ta' awtorizzazzjoni sabiex isiru dawn il-*loading and unloading bays* f'qasir żmien, barra li jikkaġunaw aktar konġestjonijiet tat-traffiku, ikun qed ifixkel l-operat komdu tal-istess sid tan-negozju.

**Special Cases Screening Unit f'kull dipartiment**

Sabiex titnaqqas il-burokrazija, speċjalment ma' persuni jew entitajiet li jkollhom każi sensittivi, jeħtieġ li f'kull dipartiment, awtorità, jew entità governattiva tinħoloq struttura sabiex tkun tista' sservi ta' organu li tittratta b'mod professjonali, *screening process* ta' każijiet sensittivi wara li dawn ikunu rreġistraw l-ilment tagħhom mas-sezzjoni tal-*customer care*.

Minflok, każ delikat li jiġi ppreżentat, joqgħod jimxi mingħand persuna għal oħra, u finalment il-klijent xorta waħda ma jinqediex jew il-każ tiegħu jispiċċa f'riġel is-segretarjat ta' xi ministru, ikun ferm aħjar jekk il-każ jgħaddi mill-ewwel quddiem dan il-*unit* li jkollu l-poter li juża riga differenti ta' kif jevalwa aħjar, u dan jagħmlu wara li jkun ħares lejn il-każ b'aktar attenzjoni u sensittività – għax jekk ikun każ delikat mhux bilfors tista' tiġi applikata l-liġi mal-ewwel.

Dawn huma biss uħud mill-15-il punt li aħna, bħala assoċjazzjoni dehrilna li għandna niġbdu l-attenzjoni tal-Gvern fuqhom. Wieħed jista' jaqra d-dokument kollu billi jżur is-sit elettroniku tal-MEA.

Aħna nemmnu li dawn il-punti li semmejna huma kollha validi u, jekk isir sforz kollettiv, konvinti li għandhom ikunu għodda tajba sabiex l-għan tal-Gvern, li jirnexxielu jnaqqas il-burokrazija b'25%, jintlaħaq b'aktar faċilità.

Nieħdu din l-opportunità sabiex, bħala MEA u f'isem il-membri tagħna, nawguraw lill-Gvern, f'dan ir-rigward, il-ħidma t-tajba.

**Facebook : www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation**

**Jekk tixtieq tagħmel kuntatt magħna (bħala Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem) tista' tagħmel dan billi ċċempel 2122 2992 jew 2123 7585. Tista' wkoll tibgħat *email* lil anton.vella@maltaemployers.com, jew tuża t-24/7 *helpline* 2122 2006 billi ċċempel u tħallilna ismek sabiex fl-iqsar żmien possibbli nkunu nistgħu nirritornaw it-telefonata tiegħek.**

**Grazzi talli tajtni l-opportunità li nitkellem miegħek. Nibqgħu niltaqgħu b'artikli oħra simili fil-ġimgħat li ġejjin. Jekk tixtieq tgħaddili xi suġġerimenti u proposti għal dan l-artiklu nitolbok biex tikkomunika miegħi jew mal-istaff editorjali ta' din il-gazzetta u jien inwiegħdek li nagħmel ħilti sabiex ma niddiżappuntakx.**